# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn**
**Sitta (6) ta' Lulju 2020**

**Rikors Numru 801/14 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dottor Michael Zammit Maempel (ID 51677M) fil-kwalita' tiegħu bħala mandatarju speċjali tal-assenti minn Malta Inmaculada San Jose' Vega (ID Spanjola 12777262A)**

**Vs**

**Mohammed Abdullah Mohammed u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2015 ġew nominati Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Jeremy Buttiġieg bħala Kuraturi ta' Mohammed Abdullah Mohammed, u b'digriet tat-28 ta' Jannar 2016 ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurance Bureau u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2017 ġew kjamati fil-kawża Mapfre Middlesea plc u b'digriet tal-11 ta' April 2017 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited bħala Agent in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company Inc.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Settembru 2014, li permezz tiegħu r-rikorrent *nomine* talab is-segwenti:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti ingħata prokura bħala mandatarju speċjali ta' l-assenti minn Malta Inmaculada San Jose Vega (numru tal-karta ta' l-identita Spanjola 12 777 262 A), u dana hekk kif jirriżulta mid-dokument anness u mmarkat bħala Dok. MZM.1;*

2. *Illi fis-27 ta' Novembru, 2010 għall-ħabta tas-07.00 ta' filgħodu, waqt illi Inmaculada San Jose Vega kienet Malta għal btala flimkien ma' xi ħbieb minn tagħha, hija sfat involuta f'inċident awtomobilistiku illi seħħ fi Triq Ix-Xatt, il-Gżira, illi fih korriet gravament - hekk kif jirriżulta mill-okkorrenza tal-Pulizija annessa u mmarkata bħala Dok. MZM.2;*

3. *Illi dan l-inċident seħħ meta l-imsemmija Inmaculada San Jose Vega kienet miexja fuq il-bankina, ossija promenade ta' Triq Ix-Xatt, il-Gżira, u l-intimat waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, tilef il-kontroll tal-vettura msemmija, rikeb il-bankina għolja illi hemm u nvesta lill-imsemmija Inmaculada San Jose Vega u kkaġunalha feriti ta' natura gravissimi fuq persuntha, hekk kif jirriżulta mir-rapport mediku anness u mmarkat bħala Dok. MZM.3;*

4. *Illi l-intimat kien qed isuq il-vettura msemmija waqt illi kien taħt l-effett tax-xorb alkoħoliku u/jew sustanzi oħra simili; u kien qed isuq b'veloċita' eċċessiva, bla kont, u b'mod perikoluż u negliġenti għall-aħħar, u kontra r-regolamenti - hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

5. *Illi in segwitu ta' dan l-inċident, l-intimat tressaq u ġie akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali) u permezz ta' sentenza tat-30 ta' Mejju, 2011 (kopja annessa bħala Dok. MZM.4) instab ħati tal-maggior parti ta' l-akkużi miġjuba kontrih, inkluża l-akkuża li ġarrab feriti gravi fuq l-imsemmija Inmaculada San Jose Vega; u ġie sentenzjat għal piena karċerarja effettiva;*

6. *Illi minħabba dan l-inċident, l-imsemmija Inmaculada San Jose Vega sofriet danni kemm 'damnum emergens', kif ukoll 'lucrum cessans' - u dana in vista tal-ġrieħi gravi u ta' natura permanenti illi ġarrbet fuq persuntha;*

7. *Illi interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mir-rikorrenti permezz ta' ittra uffiċċjali datata 21 ta' Novembru, 2012 (Dok. MZM.5), l-intimat baqa' inadempjenti u għalhekk ġew stitwiti dawn il-proċeduri;*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet suespost, ir-rikorrent nomine jitlob umilment lill dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikkjara illi għall-inċident illi seħħ fis-27 ta' Novembru, 2011 fi Triq ix-Xatt, il-Gżira, u li fih weġġgħet Inmaculada San Jose Vega wara illi ġiet investita mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, jaħti unikament l-intimat;*

2. *Tillikwida. okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mir-rikorrenti nomine - kemm 'damnum emergens', kif ukoll 'lucrum cessans';*

3. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrent nomine kull somma ta' danni hekk illikwidata;*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali tal-21 ta' Novembru, 2012, ta' Ittra uffiċċjali ippreżentata kontestwalment ma' dan ir-rikors maħluf kontra l-"Protection & Compensation Fund"; u bl-imgħaxijiet skond il-liġi sal-ġurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat illi huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fid-9 ta' Jannar 2015 ġew appuntati Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Jeremy Buttiġieg bħala Kuraturi Deputati għall-assenti Mohammed Abdullah Mohammed.

3. Rat ir-risposta tal-kuraturi Dr Simon Micallef Stafrace u l-PL Jeremy Buttiġieg fejn laqgħu għal dak mitlub billi qalu s-segwenti:

   *"Illi l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk qiegħed jirriserva d-dritt li jippreżenta risposta motivata f'każ u jekk jiġi edott mill-fatti."*

4. Rat illi fis-17 ta' Frar 2015 ġie appuntat s-Sur Massimo Abela bħala Espert Mediku,

5. Rat ir-rapport Mediku tas-**Sur Massimo Abela** illi ġie ppreżentat u maħluf fid-19 ta' Novembru 2015, fejn għamel is-segwenti osservazzjonijiet u konklużjonijiet:

   *Opinjoni Medika:*

   *Ms Inmaculada San Jose Vega ġarrbet ġrieħi ta' natura serja meta kienet involuta f'inċident tat-traffiku fis-27/11/2010. Dawn kienu jinkludu:*

   1. *Ksur tal-femur tax-xellug,*
   2. *Ksur tat-tibia u fibula tax-xellug,*
   3. *Ksur miftuħ tat-tibia tal-lemin,*
   4. *Ksur tal-għaksa tal-lemin, u*
   5. *Ksur tal-ulna (polz) tax-xellug.*

*Għamlet bosta operazzjonijiet kemm biex jiġu ikkurati il-ġrieħi/ksur li kellha kif ukoll problemi oħra li tfaċċaw riżultat tal-operazzjonijiet li kienet għaddiet minnhom. Ms San Jose Vega għadha tilmenta minn uġiegħ fis-saqajn, speċjalment fl-irkopop. Hemm possibilta' li fil-futur qarib, tiġi bżonn ta' aktar interventi fosthom artroskopija tal-irkopop, u biex jitneħħa xi ħadid ieħor. Hemm possibilta' wkoll li fis-snin li ġejjin, riżultat tal-ġrieħi li ġarrbet, li Ms San Jose Vega tiżviluppa artrite fl-irkopop (post-traumatic osteoarthritis).*

*Evalwazzjoni tar-Rata ta' Diżabilita' Permanenti:*

*L-evalwazzjoni tar-rata ta' diżabilita' permanenti hi bbażata fuq l-esperjenza personali tiegħi u b'referenza għal numru ta' kotba fosthom;*
*• Guides to the Evaluation of Permanent Impairment - American Medical Association.*

***Ir-rata ta' diżabilita' ta' Inmaculada San Jose Vega tammonta għal 18%.***

6. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2015 il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens (stabbilit ai termini ta' l-Artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assikurazzjoni – Kapitolu 403) u tal-Motor Insurers' Bureau, ippreżentat rikors sabiex tintervjeni in statu et terminis fil-każ odjern, liema talba intlaqgħet fit-28 ta' Jannar 2016.

7. Rat ix-xhieda ta' **Inmaculada Maria San Jose**, ossija l-vittma, miġbura quddiem l-Imħallef Supplenti Dr Greta Mifsud Agius fit-8 ta' Ġunju 2015. (fol 85)

8. Rat ix-xhieda ta' **Nieres Gill Riviera**, ħabiba tal-vittma, miġbura quddiem l-Imħallef Supplenti Dr Greta Mifsud Agius fit-8 ta' Ġunju 2015. (fol 88)

9. Rat ix-xhieda ta' **Eva Maria Canduela Minguez**, ħabiba tal-vittma, miġbura quddiem l-Imħallef Supplenti Dr Greta Mifsud Agius fil-11 ta' Ġunju 2015. (fol 90)

10. Rat ix-xhieda tal-**PS240 Brian Camilleri**, is-Surġent illi investiga l-akkadut, mogħtija fit-28 ta' Jannar 2016. (fol 93)

11. Rat ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**, rappreżentanti ta' Transport Malta, mogħtija fl-10 ta' Marzu 2016. (fol 109)

12. Rat ix-xhieda ta' **Kevin Borg**, xhud okulari tal-inċident, illi ngħatat fl-10 ta' Marzu 2016. (fol 119)

13. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Rapa**, xhud okulari tal-inċident, illi ngħatat fis-26 ta' April 2016. (fol 129)

14. Rat illi fis-6 ta’ Marzu 2017, fuq talba tal-Fond għal Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers’ Bureau, issejħet fil-kawża s-soċjetà Mapfre Middlesea plc. (fol 135)

15. Rat ir-risposta tas-soċjeta’ Kjamata in Kawma Mapfre Middlesea plc, ippreżentata fid-29 ta’ Marzu 2017, fejn qajjmet is-segwenti difiżi:

    1. *Illi mhux kontestat illi s-soċjeta' esponenti, tramite l-aġenta tagħha Allcare Insurance Agency Ltd, kienet ħarġet polza ta' assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni AAI 512 għall-perjodu mill-25 ta' Frar 2010 sal-31 ta' Jannar 2011.*

    2. *Illi, iżda, is-soċjeta' esponenti mhijiex il-leġittimu kuntradittur stante illi din il-polza ġiet kanċellata fuq rikjesta tal-klijent Paul Borg, b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010 u dan hekk kif jirriżulta mill-'Official No Claims Discount Certificate' (kopja taċ-ċertifikat annessa u mmarkata bħala Dok. MMS1). Parti mill-'premium' imħallas ġie wkoll rifuż mis-soċjeta' Allcare Insurance Agency Limited minħabba din l-kanċellazzjoni u dan hekk kif jirriżulta minn Dok. MMS2.*

    3. *Illi s-soċjeta'' esponenti, tramite s-soċjeta'' Allcare Insurance Agency Limited, kienet ġiet infurmata illi kien sar trasferiment tal-imsemmija vettura AAI 512 lil Mohammed Abdullah Mohammad hekk kif jirriżulta mill-kopja tal-'log book' annessa u mmarkata bħala Dok. MMS3.*

    4. *Illi s-soċjeta'' esponenti kienet ikkanċellat il-polza wara illi irċeviet kopja ta' irċevuta minn subagent tas-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited (li kienet aġenta ta' American Home Assurance Company), liema rċevuta kienet turi illi Mohammed Abdullah Mohammad, is-sid il-ġdid tal-vettura AAI 512, kien ħallas il-liċenzja u l-'premium' sabiex tinħariġlu assigurazzjoni mis-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited (kopja tai-irċevuta hawn annessa u mmarkata bħala Dok. MMS4).*

    5. *Illi s-soċjeta' Allcare Insurance Agency Limited kienet ukoll ġabret lura iċ-ċertifikat tal-assigurazzjoni oriġinali maħruġ minnha, liema ċertifikat kien ġie ppreżentat lill-Qorti tal-Maġistrati, Ġurisdizzjoni Kriminali, presjeduta mill-Maġistrat Antonio Mizzi fi proċeduri kriminali meħudin kontra l-intimat.*

    6. *Illi għaldaqstant, fil-mumemt meta seħħ l-inċident mertu tal-kawza in kwistjoni, u ċioe’ fis-27 ta' Novembru 2010, il-vettura AAI 512 ma kinetx koperta b'polza maħruġa mis-soċjeta' esponenti peress illi kif diġa’ ingħad hawn iktar 'l fuq, din kienet ġiet ikkanċellata b'effett mis-6 ta' Awwissu 2010.*

7. *Illi għaldaqstant, peress illi fil-mumemt tal-inċident, is-soċjeta' esponenti ma kinetx l-assiguratur tal-vettura AAI512, l-istess soċjeta' esponenti m'għandha tiġi kkundannata illi tħallas ebda ammont konsegwenza tal-inċident mertu tal-kawża preżenti.*

8. *Illi kontestwalment ma' din ir-risposta, u in vista ta' dak li ingħad hawn iktar 'l fuq is-soċjeta' esponenti qed tressaq rikors għall-kjamat in kawża tas-soċjeta' Montaldo Insurance Agency Limited.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

16. Illi fil-21 ta' April 2017, wara talba tas-soċjetà Mapfre Middlesea plc, ġiet imsejjħa fil-kawża s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited bħala aġenta ta' u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company Inc.

17. Rat id-dokumentazzjoni kollha ppreżentati mir-rikorrenti fl-4 ta' Mejju 2017. (fol 169 sa 673)

18. Rat ir-risposta tas-soċjetà kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limited ippreżentata fit-12 ta' Mejju 2017, fejn laqgħet għas-sejħa tagħha fil-kawża billi qajjmet is-segwenti difiżi:

    1. *Illi in linea preliminari kwalunkwe talba fir-rigward tal-inċident in kwistjoni, fil-konfront tal-esponenti hija preskritta skont il-liġi bid-dekors ta' sentejn mid-data tal-istess inċident.*

    2. *Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet in kwantu indirizzati fil-konfront tal-esponenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ma jsibu l-ebda riskontru fir-realta' u dana billi effettivament ma kien hemm ebda koperta ta' assigurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' esponenti u applikabbli skont il-liġi fir-rigward tal-vettura in kwistjoni u għalhekk l-esponenti qatt ma tista' tiġi ritenuta responsabbli fir-rigward ta' kwalunkwe danni sofferti mir-rikorrenti u jew terzi, inkluż l-intervenut, f'dan ir-rigward.*

    3. *Illi sussidjarjament u bla preġudizzju għall-premess, l-intervenut fil-kawża mar oltre l-parametri konċessi lilu mil-liġi u senjatament l-Artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta meta talab lil dina l-Onorabbli Qorti l-kjamata in kawża tas-soċjeta' assiguratriċi l-oħra u di konsegwenza tali azzjonijiet u rikorsi tal-intervenut fil-kawża għandhom jitqiesu inammissibbli u għandhom jiġu revokati, bl-ispejjeż kontra l-intervenut. Naturalment bil-konsegwenza li t-talba magħmula mill-intimat soċjeta' assiguratriċi Mapfre Middlesea p.l.c. għall-kjamata in kawża tal-esponenti hija wkoll nulla u inamissibbli.*

19. Rat illi fl-1 ta’ Novembru 2017, is-soċjetà kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limited indikat illi l-ewwel eċċezzjoni, ossija dik ta’ preskrizzjoni, hija bbażata fuq l-Artikolu 2153 tal-Kap 16. (fol 682)

20. Rat ix-xhieda ta’ **Emanuel Sciriha**, Reġistratur tal-Qorti, mogħtija fl-1 ta’ Novembru 2017, illi xehed dwar varji Ittri Uffiċjali ippreżentati in rigward il-każ odjern. (fol 685)

21. Rat illi fl-1 ta’ Novembru 2017, ir-rikorrenti ddikkjara illi ma kellux aktar provi x’jippreżenta.

22. Rat l-affidavit ta’ **David Debono**, rappreżentant tas-soċjetà kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limited, ippreżentat fit-13 ta’ Novembru 2017. (fol 696)

23. Rat l-affidavit ta’ **Dennis Busuttil**, intermedjarju tas-soċjetà kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limited, ippreżentat fit-13 ta’ Novembru 2017. (fol 702)

24. Rat ix-xhieda ta’ **David Borg Saydon**, impjegat tas-soċjetà Allcare Insurance Agency Limited, soċjetà li waqfet topera fis-sena 2016 meta l-operazzjoni tagħha ittieħdet mis-soċjetà Mapfre Middlesea plc, mogħtija fit-30 ta’ Novembru 2017. (fol 709)

25. Rat ix-xhieda ta’ **Paul Borg**, sid preċedenti tal-vettura minn Mohammed Abdullah Mohammed fid-data tal-akkadut, mogħtija fit-30 ta’ Novembru 2017. (fol 712)

26. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ Dennis Busuttil illi saret fit-30 ta’ Novembru 2017. (fol 714)

27. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta’ David Debono illi saret fit-13 ta’ Frar 2018. (fol 719)

28. Rat illi s-soċjetà kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc iddikjarat illi ma kellhiex aktar provi fl-20 ta’ Marzu 2018.

29. Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali eżebita mill-intervenut fil-kawża l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u deċiża kontra Mohammed Abdullah Mohammed fit-30 ta’ Mejju 2011. (fol 725)

30. Rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali eżebita mill-intervenut fil-kawża l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u deċiża kontra Mohammed Abdullah Mohammed fil-25 ta’ Jannar 2012. (fol 730)

31. Rat illi fit-28 ta’ Ġunju 2018 il-partijiet kollha qabblu illi ma kienx hemm provi x’jippreżentaw u li l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

32. Rat is-sottomissjonijiet tas-soċjetà kjamata in kawża ippreżentati fil-15 ta' April 2019. (fol 744)

33. Rat illi dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ fis-7 ta' Ottubru 2019.

34. Rat is-sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentati fit-3 ta' Diċembru 2019 flimkien ma' Prospett tad-danni. (fol 765)

35. Rat is-sottomissjonijiet tal-Kuratur Dr Simon Micallef Stafrace ippreżentati fil-5 ta' Frar 2020.

36. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intervenuti Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurers' Bureau ippreżentati fl-4 ta' Mejju 2020.

37. Rat illi fl-4 ta' Mejju 2020, il-Qorti ordnat lill-intimati l-oħra sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bl-intiża ċara illi wara is-26 ta' Mejju 2020, il-kawża tiġi differita għas-sentenza.

38. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc ippreżentata fil-25 ta' Mejju 2020.

39. Rat illi fis-sottomissjonijiet tas-soċjetà kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc, hija ddikjarat dan li ġej:

> *L-Eċċezzjoni ta' Leġittimu Kontradittur*
>
> *1. Illi s-soċjetà esponenti qiegħda formalment tirrinunzja għall-eċċezzjoni magħmula minnha li hija mhijiex leġittimu kontradittur u għaldaqstant tikkunsidra u taċċetta li l-intimat Mohammed Abdullah Mohammed kien assigurat taħt polza maħruġa minn Allcare Insurance Agency, għal liema polza hija responsabbli, fid-data tal-inċident;*
>
> *2. Illi l-imsemmija eċċezzjoni tas-soċjetà esponenti kienet bażata fuq fehma żbaljata krejata minħabba traskuraġni evidenti ta' Montaldo Insurance Agency u l-aġenti tagħha;*
>
> *3. Illi filwaqt li s-soċjetà esponenti qiegħda tirrinunzja għall-eċċezzjoni ta' leġittimu kontraditur hija qiegħda żżomm sħiħ u mhux preġudikat id-drittijiet li hija għandha kontra l-intimat Mohammed Abdullah Mohammed li jidher biċ-ċar li kiser il-kundizzjonijiet tal-assigurazzjoni maħruġa;*
>
> *4. Illi ingħad dan, is-soċjetà esponenti sejra tkompli biex tippreżenta s-sottomissjonijiet tagħha fuq il-Quantum tad-Danni u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kwistjoni dwar ir-responsabbiltà tal-inċident liema deċiżjoni qiegħda tiġi remessa għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

40. Rat in-nota ulterjuri tal-intervenut fil-kawża l-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens, ippreżentata fid-19 ta' Ġunju 2020.

41. Rat illi fis-26 ta' Mejju 2020 il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-1 ta' Lulju 2020.

42. Rat illi fl-1 ta' Lulju 2020 il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha minħabba f'limitazzjonijiet imposti fuqha u 'lil hinn mill-kontroll tagħha, mill-Amministrazzjoni tal-Qorti, fejn il-Qorti ġiet prekluża milli topera minn Awla, minħabba raġunijiet ta' saħħa.

## Inċident

43. Jirriżulta illi l-każ odjern jirrigwarda inċident illi seħħ fis-27 ta' Novembru 2010 filgħodu kmieni, fejn il-vettura AAI 512, misjuqa minn Mohammed Abdullah Mohammed b'velocita' eċċessiva, baqgħet dieħla go tlett vetturi ipparkjati ħdejn il-bankina ġo Triq ix-Xatt, Gżira, faċċata tal-Hotel 115, The Strand, u baqgħet tiela' għal fuq il-bankina fejn kien hemm Inmaculada San Jose Vega qiegħda tistenna t-taxi biex tmur lura pajjiżha, ossija Spanja, u tajjar lill-istess Inmaculada San Jose Vega w ikkaġunalha ġrieħi gravi.

44. Jirriżulta illi Mohammed Abdullah Mohammed instab ħati tal-akkadut mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-30 ta' Mejju 2011, kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 2012, fejn ingħata, fost affarijiet oħra, piena karċerarja għall-inċident minnu kkawżat.

45. Illi jkun opportun illi jiġi riprodott parti mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fuq imsemmija, li tiddeskrivi eżatt kif ġara l-akkadut. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *Illi mill-provi prodotti jirriżulta li ftit ħin qabel ma ġara l-inċident meritu ta' din il-kawża, l-imputat li kien qed isuq vettura tal-marka Daewoo, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAI 512, intlemaħ nieżel minn Triq it-Torri, Sliema f'dik il-parti li mix-xatt tieħu għall-Għar id-Dud speċifikatament fejn it-traffiku jitla' biss u ma jistax jinżel. Ix-xhud ra lil din il-karozza jidħol f'dik il-parti tat-triq li hi 'one way'. Is-sewwieq ra t-traffiku ġej kontrih u għalhekk irriversja u niżel kif suppost minn Bisazza Street. Dan ix-xhud kien qed jiġri u ftit wara lemaħ din l-istess karozza misjuqa mill-imputat li kienet maħbuta ix-Xatt tal-Gżira.*
>
> *Illi l-inċident li ta lok għal din il-kawża ġara fis-27 ta' Novembru, 2010 għal ħabta tas-7.00 ta' fil-għodu. Dakinhar tlett tfajliet spanjoli kienu qed jistennew taxi li kellu joħodhom l-airport biex jieħdu titjira lura lejn Spanja. Sfortunatament, dan it-taxi ma kienx fil-ħin u t-tlett tfajliet li kienu alloġġjati fil-lukanda 115, The Strand kienu qed jinkwetaw li setgħu jitilfu t-titjira lura lejn pajjiżhom. Għalhekk, waħda mit-tfajliet, Inmaculada Maria San Jose Vega, iddeċidiet li taqsam għan-naħa l-oħra biex jekk*

*tilmaħ it-taxi twaqqfu. Hi qasmet għan-naħa tal-baħar bil-bagalja tagħha u telgħet fuq il-bankina. Kien is-sebħ ta' ġurnata sabiħa u għalhekk hi marret lejn il-baħar u ġiet lura tara jekk tilmaħx dan it-taxi. Iż-żewġ tfajliet l-oħra baqgħu fuq in-naħa tal-bini.*

*Illi fil-waqt li s-Sinjorina Vega kienet fuq il-bankina, kienet qed tħares lejn il-mobile tagħha meta ġara l-inċident. Milli jidher l-imputat tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu. Ftit metri qabel it-triq tilwi lejn ix-xellug. Il-vettura ta' l-imputat baqgħet dieħla ġo tlett vetturi oħra li kienu pparkjati u bil-momentum din l-istess karozza telgħet fuq il-bankina u laqtet lis-Sinjorina Vega li lanqas ma rat din il-vettura ġejja għal fuqha. Fil-fatt, ir-ritratti li juru kif spiċċaw il-karozzi li kienu nvoluti f'dan l-inċident juri biċ-ċar li l-impatt tal-vettura misjuqa mill-imputat kien wieħed vjolenti li jindika mingħajr ebda dubju li l-vettura kienet qed tiġi misjuqa b'veloċita' ferm aktar minn dik konsentita fl-abitat.*

*Illi konsegwenza ta' dan l-inċident is-Sinjorina Vega ġiet meħuda l-isptar Mater Dei bl-ambulanza. Mix-xhieda tat-tobba jirriżulta li hi ġarrbet feriti ta' natura gravi li jikkonsistu fi ksur taż-żewġ saqajn u l-ksur ta' idha apparti feriti oħra ta' natura ħafifa. Hi ttieħdet lura lejn pajjiżha għal aktar kura u skont it-tobba l-fejqan ser jieħu fit-tul b'riskju reali ta' diżabilita' permanenti.*

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat ftit qabel l-inċident kien qed jixrob f'bar Paceville. Hu kien waħdu u qal li kien xorob vodka, tequila, red bull u kwantita' ta' shooters. Meta sar it-test tan-nifs irriżulta li l-kontenut tal-alkoħol f'ġismu kien wieħed ikbar minn dak konsentit mill-liġi. Dan il-fatt waslu li jgħid lill-pulizija li ma jiftakarx li niżel kontra l-'one way' fi Triq it-Torri, Sliema.*

*Illi l-imputat meta ġie biex jilwi lejn ix-xellug, peress li fil-post ta' l-inċident it-triq mhix waħda dritta, tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu u ġara l-inċident meritu ta' din il-kawża. L-inċident ġara minħabba żewġ fatturi. L-imputat kien xurban u m'hemm ebda dubju li l-imputat kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita' aktar minn dik konsentita fil-lokal.*

*Għalhekk, ma hemm ebda dubju li l-imputat hu responsabbli għal dan l-inċident. Hu responsabbli ta' sewqan perikoluż, b'manjiera traskurata u ta' sewqan b'veloċita' qawwija.*

46. Jirriżulta illi, għalkemm is-soċjetà kjamata fil-kawża Mapfre Middlesea plc fis-sottomissjonijiet tagħha indikat illi r-responsabbiltà tal-inċident kienet ikkontestata, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi r-responsabbiltà hija waħda ċara u kristallizzata u ma tifhimx kif tali tip ta' difiża tibqa' tippersisti għax ippruvata 'l hinn minn kull dubju, aħseb u ara fuq bażi ta' probabbilta!! Għalhekk ma hijex ser taħli aktar ħin fuq dina l-kwistjoni, għajr illi tiddikjara, minn issa, illi l-intimat Mohammed Abdullah Mohammed kien unikament responsabbli għall-inċident illi seħħ fis-27

ta' Novembru 2011 fi triq ix-Xatt, Gżira, li wassal għal ġrieħi gravi fuq il-mandatarja tar-rikorrent, ossija Inmaculada San Jose Vega.

**Responsabbilta' ta' l-Assikurazzjoni**

47. Jirriżulta illi parti sostanzjali tal-proċeduri odjerni ma kinux jirrigwardaw r-responsabbilta' tal-inċident jew inkella d-danni sofferti mill-mandatarja, iżda kienu iffukati prinċipalment dwar liema assikurazzjoni kienet ser finalment tħallas għad-danni sofferti u eventwalment likwidati minn dina l-Qorti.

48. Jirriżulta, di fatti, illi inizjalment interveniet fil-kawża il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens (stabbilit ai termini ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assikurazzjoni – Kapitolu 403) kif ukoll il-Motor Insurers' Bureau.

49. Jirriżulta illi sussegwentement, il-Fond talbet u ottjeniet il-kjamat in kawża tas-soċjetà Mapfre Middlesea plc abbażi ta' Polza ta' Assikurazzjoni maħruġa fuq il-vettura AAI512 fil-25 ta' Frar 2010. (fol 136)

50. Jirriżulta illi finalment, is-soċjetà Mapfre Middlesea plc, filwaqt illi saħqet illi hija ma kinetx il-leġittimu kontradittur, stante illi skond hi l-polza kienet ġiet kanċellata, talbet u ottjeniet il-kjamat in kawża tas-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited bħala aġenta ta' u in rappreżentanza tas-soċjetà estera American Home Assurance Company Inc.

51. Is-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited, fid-difiża tagħha, ikkontendiet illi hija qatt ma ħarġet polza tal-assikurazzjoni lill Mohammed Abdullah Mohammed u dana peress illi, minkejja illi t-Tied Insurance Intermediary tagħhom, Dennis Busuttil ħareġ riċevuta għall-premium tal-Insurance mħallsa mill-intimat Mohammed Abdullah Mohammed (fol 700), il-polza attwalment qatt ma inħarġet stante illi l-intimat ma kienx ipprovda d-dettalji kollha neċessarji sabiex il-polza tinħareġ.

52. Jirriżulta, madanakollu, illi minkejja din is-sitwazzjoni bejn l-assikuraturi kollha fuq imsemmija, illi għaliha r-rikorrenti ftit li xejn kellha interess, eventwalment, wara tlett snin jiġġieldu bejniethom, fis-sottomissjonijiet finali tagħhom ippreżentati fil-25 ta' Mejju 2020, is-soċjetà Mapfre Middlesea plc irtirat l-eċċezzjoni tagħha illi ma kinetx il-leġittimu kontradittur u aċċettat illi l-intimat Mohammed Abdullah Mohammed kien kopert minn polza tal-assikurazzjoni li għaliha s-soċjetà kjamata fil-kawża Mapfre Middlesea plc kienet responsabbli.

53. Għalhekk, jidher ċar illi s-soċjetà Montaldo Insurance Agency Limited ma għandha ebda responsabbilta' fil-każ odjern, u għalhekk it-tieni eċċezzjoni tagħhom timmerita illi tiġi akkolta.

54. Jidher, mill-banda l-oħra, kif ammess mis-soċjetà kjamata in kawża Mapfre Insurance plc, illi r-responsabbiltà bħala assikurazzjoni tal-vettura AAI512 tistrieħ

unikament fuq l-istess soċjetà Mapfre Middlesea plc, bid-drittijiet ta’ rivalza illi eventwalment jista' jkollha l-istess assikurazzjoni kontra l-intimat Mohammed Abdullah Mohammed.

## Danni

55. Il-Qorti tosserva illi l-leġislazzjoni u ġurisprudenza nostrana tipprovdi illi d-danni likwidati jistgħu jkopru kemm dawk attwali (damnum emergens) u kemm dawk li jolqtu telf ta’ qliegħ futur (lucrum cessans).

56. Fil-każ **Joseph Zammit vs Joseph Bonello** deċiż fil-25 ta’ Frar 2016 hemm rassenja tal-prinċipji ġenerali applikabbli f’din il-materja kif rassodati fil-ġurisprudenza matul is-snin li jkun opportun illi tiġi kwotata in estenso:

> *Illi tali regoli ġew supplementati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija “Michael Butler vs Peter Christopher Heard” – A.C. deċ. fit-22 ta’ Diċembru 1967, li tat l-oriġini għal hekk imsejħa multiplier system, li pero` ġiet aġġustata għaż-żminijiet aktar reċenti peress li, kif intqal fil-kawza “Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et” – A.C. deċ. fis-16 ta’ Novembru 1983, “iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.” Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibli o meno rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f’ Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw “l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – “Savona vs Asphar” App. Deċiż fit-23 ta’ Ġunju 1952; u li “għandu jintuża bħala bażi wkoll f’dan il-każ bid-differenza li n-numru ta’ snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut.” (“Emanuel Mizzi vs Carmel Attard”:- 13.5.2003); u li “dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta’ kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta’ probabbilta`. Inoltre` d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b’sentenza m’hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikorrispondi kemm jista’ jkun mar-realta`.” – “Francis Sultana vs John Micallef et noe et” – Appell deċiż fl-20 ta’ Lulju 1994.*
>
> *Madankollu, fil-każ “Paul Debono vs Malta Drydocks” P.A. deċiża fis-27 ta’ April 2015, intqal:*
>
> > *Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna ispirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta’ qligħ futur minħabba l-inkapaċita`. Il-liġi mbagħad tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti, biex valjati ċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u*

> *grad ta' l-inkapaċita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneġjata, tistabbilixxi s-somma riżarċitorja.*

*Multiplier*

*Il-kwistjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata d-danneġjat jiġi kalkolat, hija waħda li dwarha l-Qrati Tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala:*

> *A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue, that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the contingencies (i.e that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred) and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases. - (Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law 6th Edit, 1999, pag.122).*

*Għalhekk ġie ritenut li l-multiplier irid jinkorpora fih dak l-element ta' 'chances and changes of life' jew 'vicissitudes of life'.*

*Fil-każ "Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace" Appell deċiż fil-5 ta' Marzu 1986) ġie ribadit li:*

> *In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun bażat fuq l-aspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettativa tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes of life'.*

*Il-multiplier ġie definit kif ġej:*

> *In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income. - (The law of Tort- W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. p.228).*

*Ġie stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dakinhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi, (App. Civ. 16.11.1983 fil-*

*kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri) u mhux minn dakinhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni.*

*Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu ifixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

*Dwar il-qies tal-multiplier jkun xieraq li wieħed jagħmel referenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li:*

> *The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants…There must also be a discount for the uncertainties of life….discount must also be made for the fact that dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death… - Thomas Saunt Damages for Personal Injury and Death (Tielet Ediz. 1986, pag.53).*

*Tnaqqis minħabba lump sum payment*

*Illi dwar il-lump sum jingħad illi fil-kawża fl-ismijiet "Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe." (P.A. (JSP) deċiża fil-5 ta' Ottubru 1995, intqal:*

> *Fir-rigward għal-'lump sum payment' il-Qorti jidhrilha li m'għandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentaġġ solitu ta' 20 fil-mija għal 'lump sum payment' jekk ma jkunux għaddew aktar minn tlett snin mid-data tal-preżentata taċ-ċitazzjoni u jekk ikun għadda dan il-perjodu allura għandu jsir tnaqqis ta' 2% għal kull sena minn dik id-data.*

*Aktar reċentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz "Annunziata sive Nancy Caruana vs Odette Camilleri" deċiża fis-27 ta' Frar 2004, irriabadiet li –*

> *Għall-finijiet tat-tnaqqis minħabba lump sum payment id-dekors taż-żmien għandu jibda jiġi kalkolat minn meta tiġi ntavolata l-kawża relattiva u mhux minn meta javvera ruħu l-inċident ukoll relattiv.*

*Skont kriterju li ġie eluċidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ "Jos Agius vs All Services Ltd." (P.A. TM 1809/01 deċiża fit-2 ta' Ġunju '05) "f'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa ('lump sum payment') lill-benefiċċjarji. Jekk id-deċiżjoni pero`, tkun se tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudni tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn, il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*

*Iżda, ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża, dan għaliex "jekk id-danneġjat ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction". (Ara "Agius vs Fenech" P.A. deċiża fid-29 ta' Ottubru 2003, "Sylvester Tabone vs Carmen Abela" P.A. deċiża fil-25 ta' Novembru 2013 u "Laurence Saliba vs Bezzina Ship Repair Yard Ltd." P.A. deċiża fit-12 ta' Novembru 2012).*

*Dwar l-istess tematika u l-problemi li jiġu riskontrati mill-istess ingħad ukoll f'żewġ deċiżjonijiet imsemmija mill-attriċi l-ewwel waħda fl-ismijiet Carmena Fenech et. vs ic-Chairman tal-Malta Drydocks et.:-*

> *Jibda biex jiġi rilevat qabel kull konsiderazzjoni tal-komputazzjoni li trid issir illi mill-eżami tad-deċiżjonijiet kopjużi fuq is-suġġett huwa sew distingwibbli illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-danni matul is-snin ikkostitwiet, bla dubju, l-problema l-aktar spinuża, tant li, storikament, ma jonqsux ċerti kawteli mill-Qrati in meritu għal likwidazzjoni. Huwa wkoll rikonoxxut minn din l-istess ġurisprudenza illi ebda metodu ta' kalkolu ma hu perfett tant li mal-firxa taż-żminijiet ġew adottati diversi kriterji li mhux dejjem taw riżultat univoku jew ġustifikabbli. Jibqa' l-fatt illi skond l-iżviluppi li seħħew fis-snin disgħin il-metodu li jidher ormaj l-aktar diffus hu dak tal-komputazzjoni tat-telf abbażi tal-working years expectancy. Anke hawn, pero`, ma tonqos il-vuċi li sostniet li l-kriterju bażat fuq il-mera differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli "hu għal kollox riskjuż u alejatorju, sempliċiment għaliex wieħed ma jistax jivviżwalizza l-futur, u ċ-chances and changes tal-ħajja huma tant varji li hu diffiċli ferm li wieħed jistabilixxi kriterji oġġettivi li fuqhom kull każ jista' jiġi modellat" ("Lawrence Caruana vs Anthony Falzon", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001). Hekk, ad eżempju, kif ukoll hu rikonoxxut f'bosta sentenzi, wieħed jista' jipprospetta qagħda fejn, minħabba in-natura tax-xogħol ta' certu strapazz, id-*

*danneġġjat jew iddecujus kien jirtira qabel l-eta` tal-pensjoni. Minn naħa l-oħra wieħed jista' jargomenta wkoll illi ġialadarba fiż-żminijiet reċenti l-eta` ta' l-irtirar mix-xogħol qiegħda tiżdied (minn 61 sena kif kienet sa ftit snin ilu għal waħda ta' 65 sena), l-adozzjoni tal-multiplier għandha tieħu għarfien ta' dan l-iżvilupp ġdid. Ara f'sens konformi l-veduta tal-Qorti ta' l-Appell Superjuri fis-sentenza tagħha tas-27 ta' Lulju, 2007 in re: "Francesco Sultana et vs Frances Xavier Grech et;*

*Fil-konsiderazzjoni tal-premess u dik tal-konoxxenza li l-perjodu tal-multiplier suppost li jibda jgħaddi mid-data ta' l-inċident (ara "Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon", Appell Ċivili, 14 ta' Mejju, 1984)*

57. Jirriżulta illi r-rikorrenti mandatarju jikkontendi li l-mandatarja soffriet danni riżultat tal-inċident, kemm bħala danni '*damnun emergens*' kif ukoll bħala '*lucrum cessans*'

58. Jirriżulta illi r-rikorrenti ippreżenta faxxikolu ta' madwar ħames mitt paġna b'dokumentazzjoni in sostenn ta' tali pretensjonijiet u eventwalment, mas-sottomissjonijiet tiegħu, ippreżenta prospett dettaljat dwar il-pretensjonijiet tiegħu, w il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra d-danni mitluba fl-ordni kif indikata fil-prospett tad-danni, filwaqt illi tieħu in konsiderazzjoni l-argumenti mressqa mill-intimati kuraturi u l-kjamat in kawża Mapfre Middlesea plc

## Damnum Emergens

59. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 1, ħlas għal "*Lost or damaged luggage as a consequence of the accident*" madanakollu, l-Qorti ma ingħatat ebda tip ta' evideneza illi tali bagalja attwalment intilfet jew saritilhiex il-ħsara u la l-mandatarja ma ssemmiha fix-xhieda tagħha u wisq anqas ma hemm ebda rapport f'dana is-sens – għalhekk tali rikjesta ma tistax tiġi aċċettata mill-Qorti.

60. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 2, ħlas għal "*Expenses incurred as a result of the accident during hospitalisation in Malta*" – Il-Qorti tifhem illi l-mandatarja kienet ġo pajjiż ieħor barra minn darha u għalhekk huwa raġonevoli illi spejjeż inkorsi minn ħbieb u familjari illi qagħdu Malta sabiex iżommulha kumpannija kif ukoll spejjeż oħra relatati għandhom jiġu rimborsati. Għalhekk is-somom ta' €1,681 għal 'Accommodation for companions', €478.61 għal 'Communication expenses' u €247.41 għal-'Travel Expenses', li jagħmlu total ta' **elfejn, erbgħa mija u sebgħa euros u żewġ ċenteżmi (€2,407.02)** huwa aċċettabbli għal dina l-Qorti.

61. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 3, ħlas għal "*Residence expenses*", madanakollu l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex dawna għandhom jitħallsu u fix-xhieda tagħha l-mandatarja ma tat ebda indikazzjoni minn

meta sa meta kienet qiegħda tgħix għand il-ġenituri tagħha – għalhekk tali rikjesta ma hijiex qiegħda tiġi akkolta.

62. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 4, ħlas għal *"Expenses to finance Inma's sister business"* – il-Qorti tifhem illi, in vista tal-eta' tal-ġenituri tal-mandatarja u in vista tas-stat illi kienet, kien neċessarju illi tiġi oħtha tgħinhom u għalhekk kien neċessarju għal oħtha timpjega lil xi ħadd biex jieħu t-tmexxija tal-ħanut tagħha sakemm kienet ma' oħtha. Għalhekk, l-ispejjeż indikati ta' **elfejn u tmien mitt Euro (€2,800)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

63. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 5, ħlas għal "*medical expenses*". Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi dawna huma dovuti, u għalhekk l-ammont ta' **elf, sebgħa mija u erbgħa u disgħin Euro (€1,794)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

64. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 6, ħlas għal "*Rehabilitation expenses*". Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi dawna huma dovuti, u għalhekk l-ammont ta' **sitt elef, tmien mija u sebgħa u erbgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€6,847.61)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

65. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 7, ħlas għal "*Medication expenses (presicrition drugs)*". Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi dawna huma dovuti, u għalhekk l-ammont ta' **elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,674.42)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

66. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 8, ħlas għal "*adapted vehicle*" peress illi "*Inma hurts when puishing the throttle for prolonged period of time ... the doctors adviced Inma to use a car with control of cruising speed*". Il-Qorti tifhem illi l-mandatarja għandha ċerti limitazzjonijiet illi jenħtieġilha issa tuża t-teknoloġija l-ġdida tal-'cruise control' illi hija mplimentata llum il-ġurnata fil-maġġoranza kbira tal-karozzi. Madanakollu, il-Qorti tosserva illi ma ingħata ebda informazzjoni dwar jekk kellhiex vettura oħra qabel (li ċertament kellha) u x'ġara minn tali vettura kif ukoll il-Qorti ma għandha ebda dubju illi jeżistu wkoll vetturi oħra, ta' għamla differenti, li jiswew ferm anqas u li għandhom il-faċilitajiet tal-'cruise control'. Filwaqt illi l-Qorti tifhem illi l-mandatarja kellha bżonn tixtri vettura ġdida, dana ma jfissirx illi r-rikorrenti kellha l-liberta tixtri kwalsiasi vettura illi riedet, u kellha l-obbligu illi tipprova tillimita, kemm jista' jkun, l-ispejjeż minnha inkorsi – li tixtri 'Audi A3 Sportback Attraction Edicion especial 1.6 TDI 105 CV r vel (2013)'[1] ma tantx hija indikazzjoni illi għamlet sforz sabiex tillimita l-ispejjeż tagħha. Għalhekk, il-Qorti hawnhekk taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-abbli Kuratur fejn ippropona temperament ta' 50%. Għalhekk, il-Qorti ser tikkonċedi illi s-somma ta' **tnax-il elf Euro (€12,000)** għandhom jitħallsu lir-rikorrenti nomine bħala kumpens għall-akkwist ta' vettura ġdida bil 'cruise control'.

[1] Fol 649

67. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 9, ħlas għal "*Notary expenses*". Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi dawna huma dovuti, u għalhekk l-ammont ta' **disgħa u ħamsin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€59.98)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

68. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 10, ħlas għal "*Shift expenses*". Il-Qorti tifhem illi dawna l-ispejjeż huma spejjeż inkorsi sabiex tkun tista' tmur minn post għall-ieħor meta l-mandatarja ma setghetx issuq u għalhekk ma għandu jkun hemm ebda dubju illi dawna l-ispejjeż huma dovuti, u għalhekk l-ammont ta' **sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€674.50)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

69. Jidher illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 11, ħlas għal "*Range of dates during which Inma did not receive a full pay*". Ma għandu jkun hemm ebda dubju illi fil-perjodu ta' riabilitazzjoni tal-mandatarja, hija ma setgħetx taħdem kif xtaqet, u għalhekk kienet titħallas anqas minn dak illi setgħet tipperċepixxi. Il-Qorti tosserva wkoll illi d-dati minnha indikati jikkombaċjaw mad-dati ta' riabilitazzjoni tagħha. Għalhekk, ma hemm ebda raġuni għaliex dawna ma jkunux dovuti, u għalhekk l-ammont ta' **erbatax-il elf, sitt mija u wieħed u sittin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€14,661.32)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

70. Jidher, finalment, illi r-rikorrenti nomine qiegħed jippretendi, bħala Item 12, ħlas għal "*tentative future expenses (according to medical reports)*". Il-Qorti tifhem illi fil-futur, minħabba fil-ġrieħi illi hija soffriet, il-mandatarja ser ikollha tinkorri spejjeż ulterjuri illi ċertament ma kellhiex bżonn tinkorri kieku ma seħħx l-inċident. Madanakollu, kif sew irrileva l-abbli Kuratur, ikun opportun illi tali spejjeż kif rikjesti jiġu ttemperati bi 50%, in vista tal-fatt illi huma spejjeż inċerti. Għalhekk l-ammont ta' **ħamest elef Euro (€5,000)** huma aċċettabbli għal din il-Qorti.

71. Jirriżulta, għalhekk illi d-danni bħala '*dannum emergens*' għandhom ikunu s-segwenti:

    a. **Elfejn, erbgħa mija u sebgħa euro u żewġ ċenteżmi (€2,407.02)** bħala "*Expenses incurred as a result of the accident during hospitalisation in Malta*".

    b. **elfejn u tmien mitt Euro (€2,800)** bħala *"Expenses to finance Inma's sister business"*.

    c. **elf, sebgħa mija u erbgħa u disgħin Euro (€1,794)** bħala *medical expenses.*

    d. **sitt elef, tmien mija u sebgħa u erbgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€6,847.61)** bħala *Rehabilitation expenses.*

    e. **elf, sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€1,674.42)** bħala *Medication expenses (prescription drugs).*

f. **tnax-il elf Euro (€12,000)** bħala spejjeż għall-akkwist ta' *adapted vehicle.*

g. **disgħa u ħamsin Euro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€59.98)** bħala *Notary expenses.*

h. **sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€674.50)** bħala *Shift expenses.*

i. **erbatax-il elf, sitt mija u wieħed u sittin Euro u tnejn u tletin ċenteżmu (€14,661.32)** bħala *Range of dates during which Inma did not receive a full pay.*

j. **ħamest elef Euro (€5,000)** bħala *tentative future expenses (according to medical reports).*

72. Jirriżulta, għalhekk, illi bħala '*damnum emergens*', l-ammont komplessiv dovut lir-rikorrenti nomine huwa ta' €47,918.85, li l-Qorti ser tirrotonda għal **tmienja u erbgħin elf Euro (€48,000)** għal faċilita' tal-proċeduri odjerni u likwidazzjoni.

## Lucrum Cessans

### *Diżabbilta'*

73. Jirriżulta, mir-rapport tal-abbli Espert Mediku imqabbad minn dina l-Qorti, Mr Massimo Abela, illi d-diżabbilta' sofferta mill-mandatarja Immaculata San Jose Vega kien ta' tmintax fil-mija (18%).

74. Jirriżulta illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar tali rata ta' diżabbilta' permanenti u għalhekk ħa tqis li **d-diżabbilta' sofferta minn Inmaculada San Jose Vega riżultat tal-inċident tas-27 ta' Novembru 2010 kien ta' tmintax fil-mija (18%).**

### *Introjtu Medju*

75. Jirriżulta illi fis-sena ta' qabel ma' l-mandatarja sfat vittma tal-inċident, ossija 2009, kellha introjtu ta' educator ta' €14,686.82. Fis-sena 2010, ossija meta seħħ l-inċident, l-introjtu tagħha kien ta' €14,913. Fil-waqt illi fis-sena 2011 l-introjtu tagħha kien ridott minħabba fl-assenza tagħha mix-xogħol in vista tal-grieħi illi kellha, sussegwentement, fis-sena 2012, meta bdiet terġa' taħdem mill-ġdid għal sena sħiħa, l-introjtu tagħha kien ta' €15,069.76. Il-Qorti għalhekk, ser tagħmel medja tal-introjtu tas-snin 2009, 2010 u 2012 sabiex tistabbilixxi l-introjtu medju li għandha tikkunsidra. Għalhekk, meta tieħu l-introjtu ta' €14,686.82, €14,913 u €15,069.76 flimkien, jagħmlu total ta' €44,669.58 u, diviż bi tlieta, jagħmel medja ta' €14,889.86. Il-Qorti, għal-faċilita' tal-proċeduri odjerni u likwidazzjoni, ser tistabbilixxi l-introjtu medju fl-ammont ta' **ħmistax-il elf (€15,000)**.

***Rata ta' Inflazzjoni***

76. Jirriżulta, illi fil-kawża 'John Baldacchino vs Awtorita' tat-Trasport f'Malta deċiża fit-12 ta' Ġunju 2020, il-Qorti kellha dan xi tgħid dwar ir-rata ta' inflazzjoni:

> *F'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju, 2001, fl-ismijiet Joseph Galea vs. Charles Fenech pro et noe, il-Qorti stabbiliet illi, "Meta d-danni jirrappreżentaw kumpens għal telf futur il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni l-effett li l-inflazzjoni jkollha fuq l-introjtu perċepit fid-data tal-inċident proġettat fuq firxa ta' snin magħżula bħala l-multiplier". Bħala rata ta' inflazzjoni annwali qed tittieħed ir-rata ta' 1.18%, li hija r-rata medja tal-inflazzjoni f'dawn l-aħħar ħames snin skont l-NSO: {1.10% (2015) + 0.64% (2016) + 1.37%(2017) + 1.16% (2018) + 1.64% (2019) ÷ 5 = 1.18%}.*

77. Dina l-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tadotta l-istess metodoloġija fil-kalkolu tar-rata ta' inflazzjoni.

***Multiplier***

78. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-mandatarja Inmaculada San Jose Vega kellha ħamsa u tletin sena (35) meta seħħ l-inċident.

79. Jirriżulta wkoll illi l-eta' ta' irtirar ġewwa Spanja, fejn tgħix il-mandatarja, hija ta' ħamsa u sittin sena (65).

80. Il-Qorti ma tara ebda raġuni għaliex il-multiplier ma għandux ikun riflessjoni tal-ħajja lavorattiva illi fadallha l-mandatarja, u għalhekk ser tadotta multiplier ta' **tletin (30) sena**.

*Kalkolu ta' Lucrum cessans*

81. Jirriżulta għalhekk illi l-introjtu illi ser tqis dina l-Qorti hija ta' **ħmistax-il elf (€15,000).**

82. Jirriżulta illi r-rata ta' dizabbilta' hija ta' **tmintax fil-mija (18%)**.

83. Jirriżulta illi r-rata ta' inflazzjoni hija ta' **wieħed punt tmintax fil-mija (1.18%).**

84. Jirriżulta illi l-multiplier għandu jkun ta' **tletin sena (30).**

85. Jirriżulta għalhekk illi l-komputazzjoni ta' l-inflazzjoni ta' 1.18% fuq l-introjtu medju ta' €15,000 jagħmel €17,700. Il-komputazzjoni tar-rata ta' diżabbilta' ta' 18% fuq l-ammont ta' €17,700 huwa ta' €3,186. Il-komputazzjoni tal-multiplier ta' 30 sena fuq l-ammont ta' €3,186 huwa ta' €95,580.

86. Jirriżulta illi fuq tali ammont għandu jiġi applikat ir-regola ben stabbilita' tal-'lump sum payment'. Il-Qorti tosserva illi l-inċident seħħ f'Novembru 2011, il-proċeduri odjerni inbdew f'Settembru 2014. Għalkemm il-Qorti tifhem illi t-trapass ta' tali żmien ċertament ma kienx rizultat ta' xi nuqqas da parte tar-rikorrent u l-mandatarja, u għalhekk ma taqbilx illi għandha tiġi penalizzata għal tali trapass taż-żmien, madanakollu, stante illi hemm skorta ta' ġurisprudenza li tgħid li l-kalkolu taż-żmien għandu jsir minn dakinhar illi nfetħet il-kawża, il-Qorti ma tridx tikkrea skuża għall-assikurazzjonijiet sabiex itawwlu ulterjurment il-proċess ġudizzjarju b'appell, u għalhekk ser tistrieħ fuq il-ġurisprudenza nostrana u tqis illi l-kalkolu ijid isir mis-sena 2014.

87. Jirriżulta illi għaddew sitt snin minn meta bdiet il-kawża odjerna, il-lump sum payment ta' 20% għandu jiġi ridott bi 12%, ossija 2% għal kull sena tal-kawża odjerna, ir-riżultat illi l-'lump sum reduction' għandu jkun ta' **tmienja fil-mija (8%)**.

88. Għalhekk, meta wieħed inaqqas tmienja fil-mija, ossija €7,646.40, mill-ammont fuq stabbilit ta' €95,580, il-bilanċ dovut bħala 'lucrum cessans' huwa ta' €87,933.60, li ser jiġi rotondjat għal €87,933.

89. Għalhekk, l-ammont likwidat bħala '*lucrum cessans*' dovut lir-rikorrenti nomine huwa ta' **sebgħa u tmenin elf, disgħa mija u tlieta u tletin Euro (€87,933)**.

## AMMONT FINALI LIKWIDAT

90. Jirriżulta, għalhekk illi bħala '*Damnum Emergens*', ġie stabbilit illi l-ammont dovut lir-rikorrenti nomine huwa ta' **tmienja u erbgħin elf Euro (€48,000)**.

91. Jirriżulta wkoll illi, bħala '*Lucrum Cessans*', ġie stabbilit illi l-ammont dovut huwa ta' **sebgħa u tmenin elf, disgħa mija u tlieta u tletin Euro (€87,933)**.

92. Jirriżulta, għalhekk, illi l-ammont totali dovut lir-rikorrent nomine bħala riżultat tal-inċident illi seħħ fis-27 ta' Novembru 2011 fejn l-intimat Abdullah Mohammed Abdullah, meta kien qed isuq il-vettura AAI 512 koperta minn polza tal-assikurazzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc, ikkawża ġrieħi serji u permanenti fuq il-mandatarja Inmaculada San Jose Vega huwa ta' **mija u ħamsa u tletin elf, disgħa mija u tlieta u tletin Euro (€135,933).**

## Konklużjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha kif prodotti quddiem dina l-Qorti,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi dina l-vertenza billi;

**Tillibera** mill-osservanza tal-ġudizzju lis-soċjeta' kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera American Home Assurance Company abbażi tat-tielet eċċezzjoni tagħha.

**Tiddikjara** lill-intimat Mohammed Abdullah Mohammed bħala unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-27 ta' Novembru 2010 ġewwa Triq ix-Xatt, Gżira, waqt illi l-intimat kien qed isuq il-vettura AAI 512, koperta minn polza tal-assikurazzjoni maħruġa mis-soċjeta' Mapfre Middlesea plc, u tilef il-kontroll tagħha u nvesta lill-mandatarja Inmaculada San Jose Vega u kkaġunalha feriti gravi u permanenti fuqha.

**Tiċħad** l-eċċezzjoniijet kollha ta' l-intimat u tas-soċjeta' kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc.

**Tillikwida** d-danni sofferti mir-rikorrenti nomine minħabba dan l-inċident fl-ammont ta' **mija u ħamsa u tletin elf, disgħa mija u tlieta u tletin Euro (€135,933)**

**Tikkundanna** lill-intimat Mohammed Abdullah Mohammed u s-soċjeta' kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc, in solidum bejniethom, biex iħallsu lir-rikorrent nomine l-ammont ta' **mija u ħamsa u tletin elf, disgħa mija u tlieta u tletin Euro (€135,933)** in linea ta' danni sofferti.

**Imgħax** dekoribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Spejjeż** kollha, inklużi dawk tal-ittri uffiċjali kollha, tas-soċjeta' kjamata in kawża Montaldo Insurance Agency Limtied u tal-intervenut fil-kawża Fond għall-Protezzjoni u Kumpens u l-Motor Insurer's Bureau, huma a kariku ta' l-intimat Mohammed Abdullah Mohammed u s-soċjeta' kjamata in kawża Mapfre Middlesea plc, in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**